MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 747/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

John Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat John Caruana akkuzat talli:

Fl-4 ta’ Novembru 2001 u f’dati precidenti, gewwa Ta’ Qali u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, ghamel uzu xjentement, ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi ADIDAS, li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghet merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta’ kummerc,

merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bi qligh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe' hwejjeg bil-marka ADIDAS, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"B'hekk titqies li operajt minghajr licenzji tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' l-AL120 tal-1992".

Sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrispondi.

Rat il-korrezzjoni mitluba mill-ufficjal prosekutur ghac-citazzjoni, debitament awtorizzata minn dina l-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkonsidrat:

L-imputat qieghed akkuzat bi ksur ta' l-Artikolu 298(1) tal-Kap 9 u l-Avviz Legali 120/1992.

Ghal dawn l-offizi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja f'termini inkondizjonati.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni ssibu hati u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi fuq citati tikkundannah Lm100. Fuq talba tieghu u wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9 tawtorizza li l-multa tithallas b'pagamenti ta' Lm20 fix-xahar bl-ewwel

pagament fl-ahhar ta' Mejju 2005 u b'pagamenti ininterotti u konseguttivi ta' Lm20 kull l-ahhar ta' kull xahar successiv u bid-dekadenza fin-nuqqas anka ta' pagament wiehed, konvertibbli f'dan il-kaz ghall-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------